# Il-Ħuttafa

Numru **146**

Mejju - Ġunju 2018



Xifa

€2 għal min mhux membru

Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf

BirdLife MALTA

Klabb Ħuttaf


Aron Tanti

Fenek żagħżugħ għaddej sparat fir-riserva naturali tal-Għadira



# Ħbieb Ħuttaf

mill-editur

Mill-pajjiżi kollha tal-Ewropa, Malta għandha l-iżgħar persentaġġ ta' art mgħottija bis-siġar: **xi 1% biss**. Forsi taħsbu fil-Buskett u tgħidu: "U ejja, dawk is-siġar kollha, kif jista' jkun għandna daqshekk ftit?" Imma hekk hu, u ħarsa lejn il-mappa ta' Malta malajr turina. Dawk it-tikki u rqajja' żgħar ħodor huma l-area kollha bis-siġar li għandna.

Għalhekk fraħt meta smajt li fil-Buskett tħawlu 3600 siġra oħra u li f'Kemmuna wkoll tħawlu xi 3000 siġra u arbuxxell. Imma daqshekk ieħor nindanna meta naqra *kważi kuljum* li tqaċċtu xi ringiela siġar fi pjazza jew fi triq, biex flokhom jitla' blokk bini jew titwessa' triq. Donnu xi ħadd iddeċieda li s-siġar m'għadhomx moda fejn jgħix il-bniedem. X'kull waħda! Qisek qed tgħid li m'għadhiex moda tieħu n-nifs!

Is-siġar mhux biss jagħtuna l-arja tafux. Li tħares minn tieqa u tara siġra; li tisma' r-riħ iħaxwex qalb il-weraq; li xxomm ir-riħa tal-ħamrija wara ħalba xita – dawn kollha affarijiet li jikkalmawna u jserrħuna, affarijiet li ġisimna u moħħna għandhom bżonn.

Ħafna pajjiżi ilhom li ndunaw kemm għandna bżonnhom dawn l-affarijiet. Tgħid kemm baqa' snin sa ma nindunaw aħna wkoll?

Nawguralkom vaganzi tal-ġenn.

Victor

**Victor Falzon**
L-Editur



Victor Falzon

Il-Finlandja 75%
L-Iżvezja 68%
Is-Slovenja 60%
Spanja 56%
L-Awstrija 45%
Il-Kroazja 43%
Il-Portugall 36%
L-Italja 34%
In-Norveġja 33%
Il-Ġermanja 31%
Il-Polonja 29%
Franza 29%
Il-Greċja 28%
Ir-Rumanija 27%
Il-Belġju 22%
Ċipru 18%
Ir-Renju Unit 12%
L-Irlanda 10%
L-Olanda 9%

**Il-persentaġġ ta' foresta f'xi pajjiżi Ewropej**

## FUQ QUDDIEM


Ritratt ta' **Victor Falzon**

Ix-**xifa** (avocet *Recurvirostra avosetta*) hija tajra tax-xtut mhux tas-soltu. Dak il-munqar stramb milwi 'l fuq huwa għodda eċċellenti biex taqbad gambli u ħut żgħir mill-ilma. Ix-xifa hija speċi rari f'Malta u meta tinżel xi waħda fir-riservi tal-Għadira, Is-Simar jew Is-Salina jmorru ħafna berdwoċers jarawha. Għalkemm ix-xifa hija protetta bil-liġi, xorta waħda tinqatel spiss mill-kaċċaturi.



Klabb Ħuttaf

BirdLife MALTA

## X'għandna f'dil-ħarġa?


| | |
|---|---|
| Mill-editur | 2 |
| Aħbarijiet | 3 |
| It-Triq it-Tajba | 4 |
| BirdHero | 6 |
| Agħtiha l-kulur | 7 |
| Dik il-Bużżieqa | 7 |
| Agretti Bojod | 8-9 |
| Kolina u Żeppinu | 10 |
| In-Naħla tal-Ġonna | 11 |
| Intervista mal-Bużbież | 11 |
| Il-Ħarruba | 12-13 |
| Iċ-Ċiefa | 14-15 |
| Light Pollution | 16 |


## Kitbu f'dil-ħarġa

Desirée Falzon, Victor Falzon, Maria Farrugia

## Klabb

Klabb Ħuttaf huma l-membri żgħar u żgħażagħ (-18yrs) ta' BirdLife Malta. Il-Klabb jorganizza attivitajiet għall-familja, mixi, żjarat f'riservi naturali, ħarġiet bil-lanċa u attività ambjentali. Kull xahrejn noħorġu l-magażin *Il-Ħuttafa* li l-membri jirċievu d-dar bil-posta. It-taqsima tal-membri li għalqu t-13 tissejjaħ **Falko**. Sħubija fil-klabb hija €10 fis-sena. Tista' tissieħeb ukoll il-familja kollha, li tibda tirċievi wkoll ir-rivista *Bird's Eye View* kull tliet xhur. Sħubija għall-**Familja** hija €29.

## Kuntatt


tel **21347645 / 21347646**
indirizz **57/28 Triq Abate Rigord Ta' Xbiex XBX 1120**
imejl **info@birdlifemalta.org**
websajt **www.birdlifemalta.org**


© BirdLife Malta, Ġunju 2018
Disinn u produzzjoni Victor Falzon
Stampat għand Poulton's Print Shop

Reg.Vol.Org. VO/0052










# Jgħannu bil-ferħ!




Fl-aħħar! Wara snin twal nitħabtu għalihom, l-għasafar tal-għana suppost li issa jistgħu jtiru protetti u ħielsa minn Malta. Il-Qorti Ewropea ddeċidiet li Malta ma tistax iktar tħalli n-nassaba jaqbdu dawn is-seba' speċi ta' għasafar. Tradizzjoni, delizzju, passjoni... dawn mhumiex raġunijiet tajbin biex għasfur jinqabad mis-selvaġġ ħalli xi egoist joqgħod jisimgħu jpespes maqful f'gaġġa. **L-għasafar tal-għana suppost li issa jsiru mħarsin bil-liġi s-sena kollha.**




L-imnasab mimdudin (*clap nets*) mhux ħa jkunu permessi iktar fil-pajjiżi tal-Ewropa. Dan ifisser li l-insib kif isir f'Malta u f'pajjiżi oħrajn bħal Franza u Spanja, ħa jkun illegali. Dawn kollha aħbarijiet tajbin għall-għasafar.







F'ħafna pajjiżi u gżejjer madwar Malta l-għasafar tal-għana jbejtu bil-gzuz. Imma f'Malta le, jew forsi waħdiet. Għaliex? Ovvja, għax meta jkollok 4000 nassab lesti għalihom bix-xbiek mifruxin fl-art, ara povru ġojjin kif jista' jkun ma jinqabadx.




Dan huwa l-logo tal-kampanja tal-BirdLife kontra l-insib.

Tpinġija Victor Falzon, ħlief l-ekru (RSPB)



Victor Falzon

# Delitt fis-Salina

Ix-**xifa** rari narawha f'pajjiżna. Fl-20 ta' Mejju niżlet waħda fir-riserva naturali tal-Għadira. Wara xi ġranet tistrieħ u taqbad il-ħut taret u marret sar-riserva naturali tas-Salina, fejn ukoll għamlet xi ġranet tikkaċċja l-bużaqq mill-ilma. Imma fil-lejl bejn is-26 u s-27 ta' Mejju daħal għaliha kaċċatur, sparalha u qatilha. **Hekk, għall-gost!** Peress li s-Salina hija miftuħa lejl u nhar, jista' jidħol kulħadd x'ħin irid.

Qatel għasfur protett...

...f'post protett...

...u fl-istaġun magħluq.

U skont X-ray li ħadulha, il-kriminal li sparalha uża ċomb oħxon li huwa kontra l-liġi.



is-Semmiegħa

Desirée Falzon

**Peter u Sylvia, Maris u Sky huma żewġ pari tewmin ħbieb b'rabta speċjali bejniethom: li jekk jaqbdu id xulxin jibdew jifhmu x'inhi tħoss in-natura!**

# It-Triq it-Tajba

Kien il-bidu tas-sajf u l-ġenituri tal-ħbieb tewmin kienu ftehmu li jieħdu ġimgħa *leave* u jqattgħuha f'lukanda ħdejn il-baħar. L-erba' tewmin ferħu mhux ftit: ġimgħa sħiħa flimkien, mimlija avventuri!

Kuljum filgħaxija l-erbgħa bdew imorru passiġġata tul il-bankina twila ma' xatt il-baħar. Kienet imdawla sew bil-lampi tal-lukanda. It-tewmin malajr draw l-annimali tal-inħawi għax kif joħorġu mil-lukanda kienu jgħaqqdu jdejhom u bis-saħħa tal-maġija li kellhom kienu jisimgħu n-natura titkellem.

"Min jaf nerġgħux nisimgħuha tonħor dik il-gremxula," daħqet Sylvia.

It-tfal qabdu idejn xulxin ħalli jisimgħu l-ħajja ta' madwarhom. Semgħu ħafna annimali jitkellmu, u faqgħuhom bid-daħq żewġ qniefed iqarmċu l-bebbux u jgorru kemm kienu nexfin!

F'daqqa waħda Maris sikktithom għax donnha semgħet leħen inkwetat. It-tewmin, id f'id, waqfu jissemmgħu:

*"Fejn hu? Fejn jien? Uff, hawnhekk diġà dort. 'Id-dawl tax-[1]xefaq' qaluli l-Ma u l-Pa, 'fittex id-dawl tax-xefaq.' Imma ma jistax ikun hawn. Kif għajjejt..."*

U f'dak il-mument it-tfal raw għasfur kbir jinżel fuq il-blat tax-xatt ftit metri bogħod minnhom. Ġrew għal ħdejh u Maris ġabritu bil-mod u ħaddnitu magħha biex ma jitħabatx. Sylvia żammitlu munqaru ħalli ma jweġġax lil Maris fil-paniku.

"Iiii, din naf x'inhi!" qalet. "Din garnija! Ara t-tubi fuq munqarha."

Is-subien daru mal-bniet u Sylvia kompliet tispjega:

"F'*Il-Ħuttafa* qrajt li dawn l-għasafar ibejtu fl-irdumijiet u meta ż-żgħar jiġu biex itiru l-ewwel darba, ftit minnhom jitħawdu minħabba d-dwal tax-xtut."

Kompliet tgħidilhom li l-garni jersaq lejn l-art bil-lejl biex il-predaturi ma jarawhx. L-istint taż-żgħar imexxihom biex meta jitilqu mill-bejta jtiru lejn id-dawl baxx li jkun hemm fuq ix-xefaq u b'hekk isibu triqithom u joħorġu fuq il-baħar.

"Miskina, naħseb ħawduha d-dwal tal-lukanda!" qal Peter. Imbagħad qam u hu u Sky telqu jiġru lejn il-lukanda. Daħlu bla nifs u Peter lebbet lejn il-kċina waqt li Sky mar ifittex lil ommu. Maris u Sylvia baqgħu barra jħaddnu l-garnija, u wara ftit Peter ġie lura b'kaxxa u bil-galbu qiegħdu l-garnija fiha biex iżżomm kalma. Erba' passi warajh wasal Sky ma' ommu li kellha f'idha ċ-ċwievet tad-dingi li kienu krew mil-lukanda.

"Ejja nuruha t-triq it-tajba dil-povra garnija," qalet omm Sky u Maris, waqt li żammet id-dingi sod sakemm kulħadd tela' fih, inkluż il-kaxxa bl-għasfur. Startjat il-mutur u saqet 'il barra, bogħod mid-dwal tax-xatt.

Meta tbegħdu ftit sew mix-xatt Maris refgħet il-garnija mill-kaxxa u wara li mlewha bil-bews, hi u Sylvia telquha bil-mod f'xifer id-dingi. Il-garnija malajr taret u sparixxiet fid-dlam imma t-tfal kienu kuntenti li issa kienet qegħda fit-triq li tibda ħajjitha fuq il-baħar.

Il-bqija tal-ġimgħa għaddiet bħal żiffa u ż-żewġ familji kienu waslu biex imorru d-dar. Imma t-tewmin kien baqgħalhom biċċa xogħol x'jagħmlu: kienu kitbu ittra lill-maniġer tal-lukanda li fiha qalulu bl-avventura tagħhom. Wegħduh ukoll li jibqgħu jiġu fil-lukanda tiegħu basta jbiddel id-dwal ta' barra u jagħmilhom iħarsu 'l isfel. B'hekk il-lampi jdawlu l-bankina bla ma jfixklu l-garni fuq l-irdum.

L-ittra tefgħuha fil-kaxxa tas-suġġerimenti fil-*foyer* tal-lukanda. Imbagħad qabżu fil-karozzi, għalqu l-bieba u qabdu t-triq lura lejn Ħal Bużbież. Kienu kuntenti li għal darb'oħra kienu salvaw annimal bis-saħħa tal-forza ta' bejniethom.




Victor Falzon

[1]**xefaq.** Jew l-orizzont, dik il-linja fejn is-sema donnha tiltaqa' mal-baħar (bl-Ingliż *horizon*)

Din hija biss storja. Jekk **intom** issibu għasfur ferut jew għajjien, ċemplu lill-BirdLife fuq **79255697** u jiġi xi ħadd għalih. B'hekk jingħata l-aħjar kura.



# Żewġ kotba ġodda tal-BirdLife




## Post għan-Natura

Ktieb fuq is-siti Natura 2000 tal-Gżejjer Maltin • Bil-kulur minn qoxra sa qoxra • 72 paġna • Bil-Malti • Ideali għal studenti tal-ġeografija fis-sekondarji • Mimli tagħrif, ritratti, tpinġijiet u mapep dwar il-flora u l-fawna tat-48 inħawi protetti f'pajjiżna • prezz €7

Għal kopja ta' dawn il-kotba ċempel lil BirdLife Malta fuq **21347644/5** jew ibgħat imejl lil **info@birdlifemalta.org**




## Il-Wirt Naturali ta' Għawdex

Ktieb li jiġbor fih 83 artiklu tan-naturalista Joe Sultana li dehru f'rivisti Għawdxin fuq medda ta' snin • Bil-kulur minn qoxra sa qoxra • 224 paġna • Bil-Malti • Ideali għal min jixtieq jitgħallem dwar il-flora u fawna ta' Għawdex • prezz €15







Join the celebrations and get your commemorative Valletta 2018 Mastercard Prepaid Cards today.

*Terms and conditions apply.*

*Bank of Valletta p.l.c. is a public limited company licensed to carry out the business of banking and investment services in terms of the Banking Act (Cap. 371 of the Laws of Malta) and the Investment Services Act (Cap. 370 of the Laws of Malta).*

PREMIUM PARTNER
VALLETTA 2018 EUROPEAN CAPITAL OF CULTURE

BOV
Bank of Valletta

**2131 2020 | bov.com**

Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Żakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130




Adin Vella







Aron Tanti

# Trid tkun #BIRDHERO ?

Fil-BirdLife ilna ħafna snin naħdmu u nirsistu biex ngħinu l-għasafar. Dan nagħmluh b'ħafna modi, fosthom billi:

- nistudjaw l-għasafar biex insolvu l-problemi tagħhom
- nikkuraw għasafar feruti sa ma jerġgħu jtiru
- nedukaw lin-nies dwar in-natura u l-ambjent.

Tixtiequ tgħinuna f'dan ix-xogħol? Faċli: siru Bird Heroes!

#BirdHero hija *adoption scheme* fejn tadotta wieħed minn tliet għasafar:

**ċiefa** – li tirrappreżenta l-istudju tal-għasafar
**bies** – li jirrappreżenta l-kura ta' tajr ferut
**merill** – li jirrappreżenta l-edukazzjoni dwar in-natura

Bis-saħħa ta' dawn l-adozzjonijiet il-BirdLife tkun tista' tkompli tistinka għall-ħarsien ta' dawn l-għasafar u l-bqija tan-natura.

## Kull Bird Hero jintbagħtlu...

- Print ta' akwarell tal-għasfur tal-għażla tiegħek
- Ċertifikat ta' adozzjoni
- Kartolina b'tagħrif dwar l-għasfur
- Aħbarijiet dwar x'qed tagħmel il-BirdLife
- Il-magażin *Bird's Eye View* (verżjoni diġitali) kull tliet xhur




L-akwarelli oriġinali huma xogħol l-artist u naturalist **Nimrod Mifsud**

Għal aktar tagħrif mur fil-websajt **www.birdlifemalta.org** jew iggugiljа **#birdhero**

# Agħtiha l-kulur!

Victor Falzon





## Gardell

**goldfinch**

Għalkemm il-gardell ma narawhx daż-żmien, għażilna lilu għax wieħed mill-għasafar tal-għana li dwarhom kellna aħbar sabiħa (ara paġna 3).

## Dik il-bużżieqa!

Jekk ħa tagħmlu festin tużawx bżieżaq minfuħin bil-gass, jiġifieri minn daw li jekk titlaqhom itiru 'l fuq. Dawk il-bżieżaq meta jispiċċalhom il-gass spiss jaqgħu fil-baħar. U kif tafu, jittieklu minn fkieren, ħut, gawwi, ċief, eċċ. għax jaħsbuh ikel. U msieken imutu. Biex tieħu gost inti, tpoġġix annimali fil-periklu.

Ilkoll tafu bil-bużżieqa fil-logo ta' Dinja Waħda. Biex inkunu ta' eżempju, iddeċidejna li anke l-bużżieqa tal-logo nibdluha, li ma jmurx ittirilna mar-riħ! Ħaħaħa! :) Kif taraw fil-logo il-ġdid il-bużżieqa m'għadhiex tal-lastku imma saret *hot-air balloon* minn dawk li jtellgħu n-nies fihom.

Il-logo l-antik

Il-logo l-ġdid

# Agrett Abjad

Little Egret *Egretta garzetta*



Ritratt ta' **Aron Tanti** meħud fir-riserva naturali tal-Għadira







# L-Avventuri ta' Kolina l-Kokka u Żeppinu ż-Żring

Żeppinu huwa żring fuq ruħu u n-Nanna Kolina hija kokka xejn inqas fuq tagħha. Minkejja li Kolina xwejħa u Żeppinu żagħżugħ, flimkien dawn it-tnejn ikollhom avventuri mill-iktar interessanti.

Victor Falzon



**Żeppinu.** Kemm hu sabiħ Nanna li tirrilassa ħdejn il-baħar. Issa qed nifhem għaliex il-bnedmin iqattgħu ġranet sħaħ hawnhekk matul is-sajf.
**Kolina.** Ma nafx, jien qed inħoss wisq sħana.
**Żeppinu.** U ejja Nanna, issa daqt jibda jidlam u tiffriska.
**Granċ.** Ajjut, ajjut! Għinuni noħroġ minn hawn!
**Kolina.** X'waħda din! X'kien dan il-ħoss?
**Granċ.** Ajjut, ajjut!
**Żeppinu.** Tgħid xi fatat Nanna?
**Kolina.** Taħseb? U le, il-ħoss ġej minn din in-naħa. Ejja ħa naraw.
**Żeppinu.** Minn dan il-bott ġej il-ħoss, Nanna! Ħelow, ħelow, hemm xi ħadd?
**Granċ.** Iva, iva hawn jien. Għinuni noħroġ minn hawn jaħasra!
**Żeppinu.** Hawn granċ, Nanna! Tini jdejk, Granċ, u ħu nifs qawwi 'l ġewwa ħa niġbduk. Wieħed, tnejn, tlieta...
**Granċ.** Għall-erwieħ kemm ilni ma nħoss naqra arja friska. Kont se mmut f'dak il-bott bis-sħana... u bil-ġuħ! Tuni x'niekol malajr għax ser nistordi.
**Żeppinu.** Hawn ħa naqra alga. U int x'fettilek dħalt f'dak il-bott?
**Granċ.** Jien naf, ħsibt li nista' nagħmlu d-dar tiegħi imma spiċċajt weħilt fih minflok. Ġrali kif qed jiġrilhom ħafna annimali oħra minħabba l-iskart li l-bnedmin qegħdin jitfgħu fil-baħar.
**Kolina.** X'ħasra u x'għarukaża. Kieku kulħadd jifhem kemm jagħmel ħsara dan l-iskart, kieku żgur joqogħdu aktar attent.
**Granċ.** Kieku taf kemm minn sħabi mietu għax kielu l-iskart jew inqabdu f'xi ħaġa li jarmu l-bnedmin. Veru mhux sew li qiegħed jiġrilna hekk.
**Żeppinu.** Jaħasra, li kieku dan is-sajf it-tfal kollha ta' Malta flok jarmu l-iskart jiġbru dak li jsibu mormi! Jekk dak l-iskart ikun għadu tajjeb jistgħu jisseparawh u flok problema jsirilhom riżors. U ħadd minn sħabna ma jweġġa'.
**Kolina.** U lkoll kemm aħna, bnedmin u annimali, ingawdu minn ambjent nadif!




WASTESERV
CREATING RESOURCES FROM WASTE

## In-Naħla tal-Ġonna

White-banded Digger Bee *Amegilla quadrifasciata*

In-**naħla tal-ġonna** hija naħla żgħira li tista' taraha spiss speċjalment jekk għandek ġardina bil-fjuri (pereżempju lantana). Ma tagħmilx għasel, tgħix weħidha u l-mara tħaffer bejta fil-ħamrija, trab jew ramel. Daharha sufi kannella u fuq żaqqha (abdomen) għandha erba' faxxi bojod fuq sfond iswed. Jekk tara waħda tħuf minn fjura għal oħra ara jirnexxilekx tinduna jekk hix raġel jew mara. Dawn l-istampi għandhom jgħinuk.

♀ ♂



Fix-xjenza ♀ = mara, u ♂ = raġel




Denis Cachia




Dejjem iċċekkjaw il-websajt jew paġna Facebook ta' BirdLife Malta biex tkunu tafu bl-attivitajiet li norganizzaw għall-membri

## Intervista ma' fjura




Bonġu Bużbieża, inti pjanta Maltija?
Bonġu. Iva, Maltija daqsek jien.

Inti speċi rari jew komuni?
Ħares madwarek u malajr tinduna...

Kos, jidher hawn minnkom mhux ħażin.
Hekk hu, jien għadni komuni sew.

Hawnhekk qegħdin f'ġenb ta' triq. Inti f'dan l-ambjent biss tikber?
Le ta, nikber ukoll f'art imqallba, raba' mitluq, steppa, irkejjen f'ġonna, eċċ.

U l-fjuri tiegħek kif ikunu?
Kif qed tara, jien nagħmel fjuri żgħar f'bukketti qishom umbrelel sofor.

Jaqaw inti tiġi mill-pjanta jisimha ferla?
Prosit, iva. Il-ferla hija kuġina tiegħi imma dik tagħmel il-fjuri fir-rebbiegħa.

U inti qiegħda bil-fjuri bħalissa...
Iva, is-sajf l-istaġun tiegħi. Minn Ġunju sa Awwissu nkun fl-aqwa tiegħi.

Għandek xi problemi?
Hawn min lilna jarana koroh u meta jiġu jnaddfu ġnub it-toroq iqaċċtuna u jbexxuna bil-velenu. L-agħar għax jagħmlu dan meta nkunu bil-fjuri.

Għaliex l-agħar?
Għax meta jagħmlu hekk ma jagħtuniex ċans nagħmlu żerriegħa ħalli jikber iktar bużbież. Ara kemm friefet u naħal jispiċċaw bla ikel.

Veru. Insomma, grazzi ħafna.
Grazzi lilek. Issa jekk trid tgħinna, għandi ftit żerriegħa diġà misjura, ħu minnha u xerridha x'imkien.

Waww grazzi! Ħadtlek ftit u ħa nxerridhom f'rokna fil-ġnien tal-iskola.



Victor Falzon

# il-ħarruba

Kultant tisma' min juża l-espressjoni "**xiħ daqs ħarruba**". Dan għaliex il-ħarruba hija siġra li kapaċi tgħix ħafna sekli u donnha ma tmut qatt – sintendi dejjem sakemm ma jaqtgħuhiex biex jgħaddu triq jew jibnu blokk flettijiet. Id-dehra ta' ħarruba tifrex dlielha f'rokna ta' għalqa hija xena tipika tal-kampanja Maltija. Jalla tibqa' hekk għal dejjem.



Desirée Falzon

Il-qoxra taz-zokk tal-ħarruba jvarja skont l-età. Friegħi riċenti jkunu aktarx lixxi, iz-zokk maġġur iktar ikollu tikmix u flieli, u spiss ikollu bħal blalen goffi u nefħiet, kif jidher fir-ritratt. Dawn il-blalen iktar tarahom f'siġar irġiel.



Victor Falzon

Iż-żerriegħa tal-ħarrub għandha postha fl-istorja tal-bniedem għax fl-antik lilha kienu jużaw biex jiżnu d-deheb. Il-kelma *carat* fil-fatt ġejja mill-isem antik tal-ħarruba *ceratonia*. Dan huwa wkoll parti mill-isem xjentifiku tagħha.



Victor Falzon

Il-weraq tal-ħarruba jkun ileqq. Dan għaliex il-wiċċ tal-weraq minn fuq ikollu kisja ta' speċi ta' xama' (dik li fil-bijoloġija nsejħulha *waxy cuticle*). Din il-lega tagħlaq il-pori tal-weraq biex is-siġra ma titlifx wisq ilma. Barra minn hekk meta l-weraq ileqq jirrifletti d-dawl u s-siġra tassorbi inqas sħana.







Victor Falzon

Il-ħarrub jagħmel il-fjuri f'Ottubru. Fil-ħarrub, il-fjuri nisa u l-fjuri rġiel ma jikbrux fuq l-istess siġra. Il-fjuri rġiel jiġbdu ħafna insetti, (speċjalment in-naħla tal-għasel) li joħdulhom il-polin. Il-fjuri nisa jkomplu jikbru u jsiru frott.



Joe Sultana

Il-frotta tal-ħarruba hija miżwet twil qisha fulu ċatt, biż-żerriegħa f'ringiela. Taħt il-qoxra għandu saff artab u ħelu li minnu hawn min jagħmel ġulepp, karamelli u anke ċikkulata. Il-frott fir-ritratt għadu aħdar u nej, ikun tajjeb meta jsir kannella skur, għall-ħabta ta' Santa Marija (nofs Awwissu).




John J Borg

Victor Falzon

Joe Sultana

Diversi annimali jsibu kenn u ikel f'siġra tal-ħarrub. Fost dawn insibu għasafar bħall-buqrajq, il-gamiema u l-pitirross, mammiferi bħall-qanfud u l-ballottra, partita brimb u bebbux, u ħafna insetti fosthom naħal, nemel, baħrijiet u ħanfus.

Aron Tanti

# Iċ-Ċiefa

## Ir-ruħ tal-irdumijiet

Victor Falzon




Ittir viċin ħafna ta' wiċċ il-baħar, għalhekk tissejjaħ *shearwater* bl-Ingliż.

**Isem xjentifiku** *Calonectris diomedea*
**Isem bl-Ingliż** Scopoli's Shearwater
**Daqs** 45-48ċm **Xiber** 100-125ċm **Piż** 560-1060g
**Ikel** ħut, klamari, eċċ.
**Ħabitat** baħar, xtut bl-irdum fi żmien il-bejta
**Status** diversi kolonji mdaqqsin, residenti fis-sajf biss




Jekk trid titgħallem iktar fuq l-għasafar li jbejtu f'Malta **The Breeding Birds of Malta** huwa l-ktieb għalik. Għall-bejgħ mill-BirdLife u ħwienet tal-kotba.



BirdLife Malta

Munqarha huwa b'saħħtu u fit-tarf milwi 'l isfel qisu ganċ. Dan jiswieha ħafna biex il-ħut u l-klamari li taqbad ma jiżolqulhiex minn ħalqha.

Daqs proprju ta' bajda ta' ċiefa.



Joe Sultana

Il-fellus idum iktar minn xahar u nofs biex ifaqqas mill-bajda. Għall-ewwel ġimgħat ikun qisu ballun suf griż! Ftit ftit is-suf iwaqqgħu u floku jtella' kisja rix. Sal-aħħar ta' Settembru jkun lest biex itir.



Aron Tanti

Waqt l-istaġun tal-bejta ċ-ċief jagħmel ġurnata fuq il-baħar jistad, u lejn l-art jersaq biss filgħaxija. Sakemm tinżel ix-xemx jinġabru fi gruppi kbar jgħumu u jittajru ftit 'il barra mill-irdum. Kif jidlam itiru lejn il-bejta biex jitimgħu lill-ferħ bil-ġuħ. Idumu sejrin hekk sajf sħiħ.




Iċ-ċief jgħix ħajtu kollha fuq il-baħar. Jersaq biss lejn l-art fi żmien il-bejta għall-ħabta ta' Marzu. Ibejjet fi xquq fis-sisien u l-irdumijiet: f'Ta' Ċenċ (f'Għawdex) hemm l-ikbar kolonja fil-gżejjer Maltin, b'xi 1000 par.



Aron Tanti



MALTA NATIONAL AQUARIUM

# YOURS TO DISCOVER

**Pollution is when something is introduced into the environment making it harmful for humans, animals and plants. Some forms of pollution can be seen, some are invisible.**





The Scopoli's shearwaters, Ċiefa in Maltese, spend their whole lives at sea, coming on land only at night.

Following their breeding season in summer, young Scopoli's Shearwaters start venturing out from their cliff nests into the sea.

They need the safety of darkness to do so; young Scopoli's follow the natural brightest source of light at night, on the horizon, in order to be guided offshore.

## LIGHTS POLLUTION

Birds have difficulties to follow the lights offshore, remaining trapped on the land.



*Aerial photo of Malta and Gozo at night*

In Malta, there is no location that is free from light pollution. One can observe that sky glows above Malta at several tens of kilometres away, even from out at sea.

## WHAT ARE THE THREATS?

Birds have difficulties to follow the lights offshore, remaining trapped on the land.

1. Sea turtles come back to the same place where they were born to lay their eggs.
   A female turtle generally moves to the beach at night, to lay between 40 and 200 eggs into the sand.
2. The hatchlings emerge two months later, during the night in order to avoid predators, like birds and crabs.
3. During their process of finding the sea, the hatchlings could miss the right way because artificial lights disorientate them and so some head the wrong direction, for example, towards roads.



## YOU CAN HELP!

Turn off unnecessary lights. Check your home lights. Spread the word!




Contact: info@aquarium.com.mt
WWW.AQUARIUM.COM.MT